# L-ewwel żewġ eżekuzzjonijiet kapitali li seħħew taħt it-tmexxija kolonjali Ingliża f'Malta

Mis-Surġent 1379 Raymond Cremona

L-ewwel żewġ ġurijiet fejn ġew mogħtija sentenzi Kapitali, wara li l-Ingliżi ħadu l-ħakma ta' dawn il-gżejjer fl-1800, kienu mdaħħlin militari tas-servizzi Ingliżi. Fiż-żewġ każijiet kien hemm irvell kontra d-dixxiplina li tant hi mportanti f'kull servizz militari. L-ebda għadu ma jista' jiġi milqugħ b'fehmiet u riżoluzzjonijet differenti. Iż-żminijiet li qed jiġu msemmija huma żmienijiet fejn ir-Re Ġorġ III tar-Renju Unit kien jaħkem fuq renju li kien fi stat ta' gwerra ma' imperu ġgantesk ieħor, dak ta' Franza. Il-kmandanti u l-preċiżjoni militari Ingliża, id-diplomazija u l-ħeġġa għall-esplorazzjoni kellhom isawwru l-akbar imperu li qatt rat id-dinja.

L-istess Maltin li laqgħu il-Franċiżi fl-1798 wara ħakma twila mill-Kavallieri ta' San Ġwann, issa kienu qed jilqgħu l-Ingliżi. Il-Maltin kienu irvellaw u qamu kontra l-Franċiżi. Il-Franċiżi kienu ġew assedjati fil-belt Valletta bl-għajnuna ta' qawwiet navali taħt il-bandiera Ingliża. Madankollu l-Ingliżi ma damux ma bdew juru li ma kienux se joqgħodu għall-anarkija. Fil-fatt fost l-ewwel bidliet li seħħew kien hemm dawk fl-amministrar tal-Ġustizzja u l-introduzzjoni tal-pulizija, li għal dak iż-żmien kien kunċett verament ġdid u modern kif isir l-infurzar tal-Liġi.

Is-servizz militari minn dejjem kien importanti għal dawk il-pajjiżi li jkollhom f'moħħhom it-tixrid ta' l-idejoloġiji, l-esplorazzjoni, u l-ħakma ta' popli oħrajn. Il-qawwa militari hija mportanti ukoll bħala mezz ta' difiża. Għalhekk il-qawwa militari ta' pajjiż trid tkun komposta min-nies dixxiplinati li lesti joqgħodu għar-riżoluzzjonijiet ta' l-awtoritajiet. Issa niġu għal dawn l-ewwel żewġ ġurijiet Kapitali li saru wara li wasslu l-Militari Ingliżi.

### Irvell fuq Brigantina

Tliet baħrin membri ta' l-ekwipaġġ ta' brigantina tal-baħar bl-isem 'Gozo' irvellaw, wara li pretendew xi drittijiet li ma kellhomx merti li jieħdu. Din il-biċċa tal-baħar, kienet fuq xi xogħol militari meta seħħ l-irvell. It-tlett baħrin ġew mgħotija il-piena tal-mewt u l-esekuzzjoni tagħhom seħħet fil-port il-kbir nhar it-28 ta' Diċembru 1801, tmient ijiem wara li ntemm il-ġuri. L-esekuzzjoni seħħet fuq il-vapur tal-qawwa tal-baħar Ingliża "HMS Hector". Sir Alexander Ball kien għadu ma ħariġx in-notifikazzjoni dwar in-"Nuova Composizione della Gran Corte della Valletta", meta seħħ dan il-ġuri. B'din in-notifikazzjoni inħoloq it-"Tribunale Collegiale". Din saret fl-1803.

Il-ġuri ta' dawn it-tlett baħrin li mhiex magħrufa in-nazzjonalita tagħhom jew isimhom, aktarx li seħħ permess ta' Qorti Marzjali. Biss dawn il-baħrin ma kienux Maltin. Li hu magħruf hu, li l-eżekuzzjoni tagħhom saret b'pompa kbira, biex bħallikieku tagħti eżempju u s-servi ta' detterent lil dawk li setgħu ħasbu li wara sentejn ta' irvell kontra potenza militari, jistgħu jagħmlu li jiġihom f'rashom taħt il-potenza l-ġdida, li kienet taħkem dawn il-gżejjer. Tlett snin qabel, il-Maltin kienu irvellaw kontra l-militari Franċiżi. L-Ingliżi kienu għadhom qed jieħdu ir-riedni tal-pajjiż taħt idejhom wara sentejn ta' imblokk mill-Maltin.

### Irvell kbir fil-Fortizza ta' Ricasoli

It-tieni ġuri fejn kienet mogħtija il-piena tal-mewt fiż-żminijiet bikrija tal-ħakma Ingliża, seħħ f'April 1807. Sitta u għoxrin suldat stazzjonati fil-Forti ta' Ricasoli li kienu jagħmlu parti mill-"Froberg Regiment", ġew akkużati, u misjuba ħatjin ta' irvell kbir. Huma kienu ferew bosta minn sħabhom, qatlu żewġ fizzjali u suldat ieħor bl-isem ta' John Johnson. Is-suldat ġie maqtul meta prova jżomm is-suldati ribellużi milli jieħdu taħt idejhom fejn kien hemm il-porvli maħżuna. Il-Fizzjali mietu jikkumbattu r-ribelljoni. Dan ir-reġiment kien magħmul minn bosta persuni li kienu ġejjin mill-Ewropa tal-Lvant fosthom, Griegi, Torok u Albaniżi. Għaldaqstant kien hemm diversi kulturi konflinġenti. Hu magħruf ukoll li dan ir-reġiment li kien imsemmi għall-Konti li għaqdu taħt il-bandiera Ingliża, kien fih ftit mill-agħar karattri ta' l-Ewropa ta' dak iż-żmien. Dawn in-nies kienu kuraġġużi, biss kienu neqsin mid-dixxiplina, li tant hi mportanti f'kull servizz militari.

Is-suldati involuti f'dan l-irvell ġew arrestati u wara ġuri militari ngħatat is-sentenza kapitali. Nhar it-tmienja ta' April 1807, erbgħa u għoxrin minnhom ġew imneħħija, nofshom billi ġew magħlqa ma' arblu u n-nofs l-ieħor billi ġew sparati tiri lejhom minn grupp ta' seba' suldati. L-ixkubetti mhux kollha kellhom fihom balla biex b'hekk jiġi mnaqqas l-effett tar-rimors, li jista' jbatu minnu dawk is-suldati mdaħħla fl-eżekuzzjoni ta' dawk li rvellaw. Jumejn wara ġew imneħħija żewġ suldati oħra nvoluti fl-irvell. L-eżekuzzjoni ta' dawn is-suldati, li n-nazzjonalita individwali tagħhom mhux magħrufa kienet saret fejn illum hemm l-Arena ta' l-Indipendenza il-Furjana.

Il-piena tal-mewt għal ħafna snin f'Malta, kienet mezz ta' ritribuzzjoni użata ħafna f'każijiet ta' fejn persuni jkunu ħadu l-ħajja ta' ħaddieħor. Din il-piena kienet tiġi użata wkoll f'każijiet gravi ta' dixxiplina militari. Din il-piena fil-fatt għada tiġi użata f'ħafna pajjiżi bħal fil-każ ta' l-Istati Uniti. Dawn iż-żewġ ġurijiet aktarx kienu l-ewwel żewġ ġurijiet fejn ġew imposti sentenzi tal-mewt wara li ġew l-Ingliżi f'Malta. L-istejjer ta' dawn iż-żewġ ġrajjiet, prinċipalment ittieħdu minn ktieb bl-isem "Il-ġurijiet Kapitali" ta' Ġuże Magro, li kien ħareġ fl-1927. Misluf lili mill-Kmandant ta' l-Akkademja tal-Pulizija, is-Sur Anthony Mifsud Tomasi, L.P.

***Referenzi:***


Attard E., 1994: "Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta", Palprint: Bir id-Deheb Malta

Blouet B., 1993: "The Story of Malta", Progress Press: Valletta Malta

Magro G., 1927: "Il-Ġurijiet Kapitali tal-Mewt", Tipografia San Pawl: Valletta Malta

Galea J., 1982: "F'Ġieh il-Ħaqq" (l-ewwel ktieb), Interprint: Marsa Malta

Galea J., 1983: "F'Ġieh il-Ħaqq" (it-tieni ktieb), Penprint: Qormi Malta

Hughes Q., 1986: "The Building of Malta 1530-1795", Progress Press: Valletta Malta

Mallia Milanes V., 1993: "Hospitaller Malta 1530-1798", Mireva: Żabbar Malta

Voigt L., Thornton W. E, Barrile L., & Seamen J. M., 1994: "Criminology & Justice", McGrow Hill: New York.